MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 10/2011

**Dr Edwin Mintoff (ID 452158M)**

**vs**

**Portokal Limited (C28743)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fl-1 ta' April 2011 l-Arbitru ta' s-segwenti lodo jew decizjoni fl-ismijiet premessi: -

" *L-Arbitru,*

*Ra r-rikors intavolat mill-claimant fid-9 ta' Marzu 2011;*

*Ra r-risposta tar-respondent ippresentata fil-11 ta' Marzu 2011;*

*Ra r-replika tal-claimant ippresentata fl-14 ta' Marzu 2011;*

*Ra l-kontroreplika tar-respondent ippresentata fis-16 ta' Marzu 2011.*

*u*

*Jichad it-talba tal-claimant u dan ghar-raguni illi fl-Award giet indirizzata t-talba tal-claimant skond paragrafu 5 tan-Notice Of Arbitration fejn taht il-heading 'relief or remedy sought' l-istess claimant talab ammont minghajr ma specifika l-inkluzjoni jew eskluzjoni tal-VAT u ghaldaqstant l-Arbitru zamm mal-parametri tat-talba w inghata l-Award a bazi ta' dawn il-parametri w mhuwiex fil-poter ta' l-Arbitru imur oltre dak li gie mitlub.*

*L-Arbitru,*

*Ra r-rikors prezentat mill-claimant fis-16 ta' MArzu 2011;*

*Ra r-risposta tar-respondent ipprezentata fit-18 ta' Marzu 2011;*

*u*

*Jilqa' t-talba tal-claimant b'dan illi l-interessi jibdew jiddekorru mid-data tal-Award u cioe' mill-4 ta' Frar 2011 meta gie stabbilit l-ammont definitiv li kellu jithallas lill-istess claimant.*

*Decizjoni depositata fic-Centru Malti tal-Arbitragg illum 1 ta' April 2011".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr Edwin Mintoff datat 14 ta' April 2011 a fol 1 tal-process fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi fl-ewwel lok tiddikjara illi mal-ammont likwidat mill-Perit fil-*lodo arbitrali* tieghu tad-9 ta' Frar 2011 ghandu jkun hemm awment ta' 18% rapprezentanti l-VAT u fit-tieni lok, tiddikjara wkoll illi fuq l-ammont spettanti lill-Perit esponenti, ghandhom jiddekorru l-interess mhux mill-4 ta' Frar 2011 kif deciz mill-Arbitru izda mid-data tan-notifika

tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 2007, bl-ispejjez kontra s-socjeta' ntimata.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta' Portokal Limited datata 19 ta' Mejju 2011 a fol 10 tal-process fejn sostnew ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-17 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr Peter Borg Costanzi u Dr Simon Schembri ghas-socjeta' appellata. Il-Qorti nnotat li l-process tal-arbitragg ghadu mhux a disposizzjoni tal-Qorti minkejja li d-deputat registratur ikkomunikat mas-segretarja tal-Arbitragg kif jidher minn ittra datata 6 ta' Mejju 2011. Il-Qorti ordnat komunika ta' dan id-digriet lis-segretarja tac-Centru tal-Arbitragg Dr Fiona Farrugia sabiex mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata mid-data ta' meta tigi notifikata b'dan id-digriet tesebixxi l-process relattiv, u fin-nuqqas il-Qorti tiehu l-provedimenti opportuni.
Id-difensuri ttrattaw il-kaz. Salv li jigi esebit il-process l-appell qed jigi differit ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2012.

Rat li l-istess process gie effettivament prezentat quddiem din il-Qorti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Gunju 2012 fejn irrikjamat l-appell ghas-26 ta' Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet minnhom rappresentanti bid-digriet tar-rikjam tal-kawza u b'hekk din il-Qorti tista' u ser tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-istess arbitragg inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata l-1 ta' April 2011.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji huma li (a) l-appellant isostni li d-decizjoni tal-Arbitru kellha tinkludi l-ammont ta' VAT pagabbli fuq l-ammont ta' dritt professjonjali ta' €62,941.42 (Lm27,020.75) li gie deciz li s-socjeta' appellata ghandha thallas lill-appellant; (b) l-interessi kellhom jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru 2007 fejn l-appellanti kien talab l-ammont ta' €99,687.86 bhala drittijiet professjonali minnu pretizi, u la darba dan huwa l-kaz mela allura skond l-**artikolu 1141 tal-Kap. 16** l-interessi kellhom jiddekorru minn dak in-nhar.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha processwali u wkoll l-process tal-Arbitragg thoss li l-appellant li f'dan il-kaz l-aggravji tal-appellanti ma jistghux jigu milqugha u dan peress li jidher li dak li gie riferut lill-Arbitru skond l-ftehim tal-arbitragg bejn il-partijiet kien jirreferi ghad-divergenza li qamet bejn il-partijiet *"dwar drittijiet u spejjez professjonali dovuti lil Perit Dr. Edwin Mintoff"* fuq l-izvilupp residenzjali fuq il-proprjeta deskrita fl-istess ftehim datat 22 ta' Mejju 2009.

Illi abbazi tal-istess ftehim jidher li saret in-Notice of Claim li kienet ghall-ammont ta' €99,687.63 ekwivalenti ghall Lm42,796 li gew deskrittri bhala l-ammont dovut lilhu *"ghas-serivizzi professjonali rezi li telghu ghal-ammont mitlub"* u ghalhekk it-talba kienet sabiex ir-rikorrenti jhallas proprju dan l-ammont mitlub jew somma ohra verjuri, bl-ispejjez tal-proceduri u bl-interessi minn Ottubru 2006 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi mill-istess dokumenti jidher car li ma saritx ebda talba ghall kundanna ghall-hlas ta' VAT, u mkien mal-istess talba ma kien hemm indikazzjoni li tali ammont kien jinkludi l-VAT li llum l-appellanti jidher li qed jippretendi. Fil-fatt dan huwa kkonfermat qabel ma nghata l-*Award* fit-18 ta' Gunju 2012 l-appellant kien pprezenta nota datata

11 ta' Novembru 2010 fejn huwa kien irreduca l-ammont rikjest minnu ghas-somma ta' €76,156.53 u f'dan il-kaz ukoll ma saret l-ebda referenza ghall-pagament ta' VAT. Mela jidher mill-istess atti promotorji, kif ukoll fl-ahhar ridotti, li l-ammont li punt li gie rimess lill-Arbitru ghad-decizjoni tieghu kien jirreferi biss ghad-drittijiet professjonali tieghu *ut sic* u mhux ghall-VAT. Mela allura gustament l-*Award* arbitrali kellhu jillimita ruhhu ghal dak sottomess lilhu, u minn dawn l-atti tal-appellant stess imkien ma jidher li l-VAT kien qed jigi kkalkulat u dan inkluz mad-dokument li gie anness man-nota tal-appellant (claimant) quddiem l-Arbitru tal-istess data tal-11 ta' Novembru 2010 u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud ghaliex mhux minnu dak hawn vantat li t-talba li ghamel l-appellant quddiem l-Arbitru kienet tinkludi fiha l-VAT tant li l-atti promotorji u l-att ta' riduzzjoni tat-talba certament li ma jghidux dan izda kienu qed jirreferu biss ghall ammont li l-appellant kien qed jippretendi bhala drittijiet professjonali u xejn izjed. Mela allura l-Arbitru kellhu joqghod ghat-terminu tat-talba maghmula quddiemu u tal-ftehim bejn il-partijiet li jissomettew proprju l-punt ta' tali ammont ta' drittijiet pretizi mill-appellant quddiemu u ma setghax immur oltre. Ma' kien hemm xejn f'tali talba u ftehim li jinkludi dak li llum qed jippretendi l-appellant. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-interessi jidher li t-talba kienet ghall-ammont ta' €99,687.63 mentri l-ammont li effettivament gie akkordat mill-Arbitru fl-istess lodo kien ta' €62,941.42 u ghalhekk kien f'ammont sostanzjalment inqas minn dak li attwalment gie mitlub, u dan ghar-ragunijiet indikati fil-lodo. Dan kien jiggustifika li l-appellati ma jhallsux l-ammont li huma gew intimati li jhallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru 2007, u allura la kien hemm tali divergenza fl-ammont mitlub ghall dak effettivament stabilit fl-istess lodo permezz tad-decizjoni datata 4 ta' Frar 2011 huwa lecitu li l-interessi jibdew jiddekorru mid-data tal-istess lodo ghaliex kien hemm li l-ammont kien gie effettivament stabilit u dan huwa konformi ma' dak li gie deciz fis-sentenza **"Anthony Buhagiar proprio et nomine vs Edward Scerri"** (A.C. – 30 ta' Marzu 2001) fejn inghad li c-certezza u likwidita' tal-

ammont dovut kellha tirrizulta mhux biss mill-pretensjoni preciza tal-kreditur, izda wkoll minn dak li jirrizulta li huwa oggettivament dovut, u f'dan il-kaz dan jirrizulta li dak li huwa attwalment dovut ma' kienx sostanzjalment dak li kien pretiz, u allura tali diskrepanza kellha u fil-fatt tiggustifika r-riluttanza tad-debitur li jhallas u konsegwentement tiggustifika n-nuqqas ta' pagament. *"F'dawn ic-cirkostanzi d-debitur ma jistax jigi penallizat ghax ma kienx f'posizzjoni li jhallas dak pretiz mill-kreditur proprju minhabba li dan ta' l-ahhar ikun ippretenda ammont li jirrizulta gudizzjarment li ma kienx dovut".* Fil-fatt dan huwa konferma ta' dak li nghad fis-sentenza **"William Sare' nomine vs Charles Sammut"** (A.C. – 29 ta' Mejju 1998 fejn inghad li:-

*"Il-principju li ma jaghddux interessi fejn is-sejha ma' tkunx wahda ghall-hlas ta' ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun wahda valida b'mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkol ikun difficli jekk mhux impossibbli ghalih li jkun jaf x'inhu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja u sakemm din issir....Konformament ma' dan l-insenjament din il-Qorti ser tiddegreta li l-imghax kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata. Dan billi kien f'dik is-sentenza li kien determinat x'kien l-ammmont rejalment dovut ....u dan kien sostanzjament inferuri ghal dak reklamat....".* Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata datata 19 ta' Mejju 2011 biss in kwantu l-istess konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tieghu datat 14 ta' April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet**

**hawn decizi, b'dan li tikkonferma l-lodo moghti mit-Tribunal tal-Arbitragg fl-ismijiet "Dr. Edwin Mintoff vs Portokal Limited (Arbitragg Numru 1971/2009) datata l-1 ta' April 2011 ( u allura dak ukoll dak tad-9 ta' Frar 2011) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant Dr. Edwin Mintoff.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------